# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt   Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru wieħed (1) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 18 ta' Jannar 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi ċempel lill-inġinier tat-triq il-Karwija [ref: punt 3.1]. L-inġinier qal illi kienu se jressqu l-arblu li kien ta' periklu fit-triq, fil-ġurnata tas-seduta.

3.2 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm tabella fin-nieżla tal-Ibraġġ, li tindika illi hemm roundabout viċin (f'triq il-Karwija), li trid tinqala u titla 'l fuq. Qal ukoll illi hemm tabella fejn ir-roundabout ta' triq San Ġwann li tgħid "no access to Kirkop tunnels" li għanda titneħħa issa. Qal ukoll illi l-istiker ta' "no entry" għal triq San Pawl [f'triq San Ġwann] għanda titneħa wkoll. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla qal illi meta nbidlu t-tabelli, min jagħmel ix-xogħol, ma jieħdux l-poles peress li dawk kienu mħalsin mill-Kunsill. [ref: punt 3.2]

3.3 Is-Sindku qal illi ma jistgħux idaħħlu c-central strip li hemm bil-ħamija l-ġewwa [punt 3.3] fit-triq il-Karwija.

3.4 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm min qed jipparkja fuq 'double-yellow lines' mad-dawra li hemm fil-bidu tat-triq il-Karwija, fuq in-naħħa ta' Ħal Kirkop. Qal illi b'hekk hemm iżjed perikli. Waqt illi kien hemm dubji minn kunsilliera oħra dwar jekk hemm double-yellows, kien hemm qbil illi b'xi mogħod jew ieħor hemm bżonn illi n-nies ma jħallux il-karrozzi pparkjati hemm.

3.5 Il-Kunsill qabel illi parti tat-triq il-Karwija li qegħda fil-konfini ta' Ħal Kirkop hija mudlama ħafna. Jixtiequ illi l-ġerrieni tagħna javżaw illi hemm bżonn t'iżjed dawl f'dik il-parti tat-triq.

3.6 B'referenża għal punt nru. 3.5 [il-basketball rings], is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm korrespondenza mal-kap tal-iskola u se jaqra l-email iżjed tard.

3.7 Il-Viċi Sindku Publius Abdilla u l-kunsillier Eddie Bonello qalu illi karti tal-espropriazzjoni twaħħlu f'triq il-Kuċċard.

3.8 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hemm persuna oħra ma dak illi jiġi jiknes ir-raħal. Is-Sindku qal illi sema illi dak li jiknes ir-raħal jiġi mibgħut post ieħor diversi drabi u minflokhu jiġi ieħor li ma jafx juża l-magna. Is-Segretarju Eżekkutiv kien ċempel lill-kuntrattur u dan qal li dan kien jiġi biss meta dak li jiġi ssoltu jkun bis-sick/leave. Il-Kunsill ma jistax jaċċetta illi l-persuna nkarigat, hu min hu, jaħdem mingħajr il-magna. Il-kuntrattur qal li dan ma jerġax isir. Il-Kunsill jemmen illi dan il-persuna jista jkun qiegħed idur ma dak li jiġi s-soltu biex jitgħallem kif tintuża l-magna.

3.9 Is-Sindku qal illi bagħtna l-kont tal-kunċert ta' Kanta Napoli lill-Ministeru tal-Kultura [ref: punt nos 3.10]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se nieħdu €3500 u mhux €3000. Il-Kunsill għandu joħroġ il-VAT fuq il-kont ta' €3800 [€684] u €80 għas-sound.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tabelli tal-Walking Bus twaħħlu f'posthom [ref: punt 3.13]

3.11 Is-Sindku qal illi kellem ma' persuna biex ipoġġi l-bollards f'posthom qabel u wara l-ħinijiet tal-iskola. Il-Kunsill se jara kemm għandna nħalsu għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill se jara mad-Dipartament jekk huma lesti jibagħtu persuna taħt l-'Early Bird Initiative' biex forsi huma stess ikunu jistgħu jiprovdu s-sigurta għat-tfal.

3.12 Il-Viċi Sindku saqsa lis-Sindku jekk irċevejna l-ħlas dovut lill-Kunsill għall-użu tas-Sala għall-kors tal-bdiewa. Il-ħlas għadu ma wasalx sal-uffiċju [Ref: 3.14]

3.13 Il-Viċi Sinku saqsa s-Segretarju Eżekuttiv jekk hux kollox sew fil-kont tan-Nexos li ma ġiex aċċettat fl-aħħar laqgħa [punt 5.2]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħolijiet kollha saru. Dan il-kont se jiġi mħallas.

3.14 Is-Sindku qal li l-purtinari ġew u kien hemm ftehim fuq kif se naqsmu l-kontijiet [tax-xogħol illi għamlu wara s-serata ta' Kanta Napoli u l-ikla tal-anżjani] [ref: punt nos 6.3].

3.15 Il-Viċi Sindku qal illi d-Dipartiment tal-Edukazzjoni għandhom ikollhom pjanta għax-xogħol li l-Kunsill jixtieq li jsir dwar it-tinda għall-iskola [ref: punt nos. 6.4]. Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi hu bżonnjuż li jsir ix-xogħol rigward il-proposta biex nagħmlu tinda li taqad l-iskola mas-sala.

3.16 Il-Kunsill se jara x'se jagħmel rigward il-ħlas għal Print Right [ref: punt nos. 6.5]. Jixtiequ jiltaqaw man-nies ikonċernati.

3.17 Il-Viċi Sindku qal illi residenti kienu esprimew l-interess tagħhom f'kors tad-drama, u b'hekk qajjem is-suġġett fil-laqgħa preċedenti [ref: punt nos. 6.9]. Il-Kunsill se joħroġ flyers biex naraw min hu interessat.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsilliera approvaw li nħalsu l-Group Health Policy, għal kull persuna [*8] fil-Kunsill.

4.2 Id-Dipartiment ħareġ Memo [Memo 122/11] għal finanzji għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Fost l-idejat ġie diskuss il-possibilta illi napplikaw biex nagħmlu x-xogħolijiet meħtieġa għall-ħajt tat-triq/faċċatta ta' ġnien Sir Alexander Ball.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nirċievu l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-ewwel tlett xhur ta' 2012. Qal ukoll illi l-Kunsill irċieva telefonata mid-Dipartiment fejn qalu li se jaqtgħu €12,000 mill-ewwel allokazzjoni. Dan se jsir għax ħalsu dak l-amont żejjed fuq kirja ta' kamra tal-Kunsill fil-passat. Is-

S.E qal li talab ittra ffirmata li għandu jsir dan l-azzjoni iżda li l-Kunsill ma rċieva xejn sal-ġurnata tal-laqgħa.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrespondenza ma PrintRight dwar il-problemi li kien hemm bil-publikazzjoni tal-fuljett. Il-kunsilliera jixtiequ jiltaqaw magħhom fil-laqgħa li jmiss.

4.5 Skond Memo 123/11 it-tipjip hu pprojibit fil-Playing Fields u ġonna pubbliki. Il-Kunsill se jordna 4 tabelli [għaż-żewġ Playing Fields, għal-ġnien tal-Kunsill u għal ġnien Sir Alexander Ball].

4.6 Il-Kunsill irċieva talba mingħand KREATTIV biex il-Kunsill jisponsorja t-trasport għalihom għall-serata. It-talba ġie approvat.

4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill mhux se jieħu l-fondi għall-applikazzjoni għall-proġett tax-shelters. Kien hemm ittra mis-sur Ivan Gauci fejn spjegga li l-applikazzjoni tal-Kunsill [u it-tlieta oħra li kienu involuti] ma setax ikompli għax ma waqajnix taħt ċerti kriterji biex nieħdu l-fondi.

4.8 Is-sinjorina Lara Vassallo offriet is-servizzi tagħha għall-klassijiet ta' Creative Writing/Drama għat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv għandi jiġbor iżjed informazzjoni mill-persuna.

4.9 MEPA bagħtu 'acknowledgement' l-applikazzjoni għax-xogħol li l-Kunsill jixtieq jagħmel fil-Ġnien ta' Ball.

4.10 Is-sur George Vella, f'isem il-Kumitat ta' Tismija tat-toroq, qal illi humma approvaw illi nsemmu t-triq il-ġdida triq Carmel Caruana: Politiku, imma l-isem għandu jkun approvat mill-Ministeru tal-Ġustiżja.

4.11 Il-ħlas tal-Kunsill għall-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali se jamonta għal €18. Dan ġie approvat.

4.12 Il-kap tal-iskola ma tixtieqx illi jsiru l-basketball rings fl-iskola [laqgħa preċedenti] għax tħoss illi bil-logħob ikun hemm il-ħsara fuq ix-xogħol li qed isir fil-playground tal-iskola bħalissa. Il-Kunsill xorta se jinsisti biex isiru dawn il-basketball rings. Fl-istess ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ il-quotations li ġabar is-sur Omar Schembri [is-safety officer]. Il-Viċi Sindku qal illi se jiltaqa magħha u jiddiskuti s-suġġett. Is-Sindku qal ukoll illi l-Madam ċemplitlu għax il-ħaddiema li qegħdin jaħdmu fil-konfini tal-iskola għandhom bżonn żebgħa tal-ħadid. Dan se jipprovduħ id-Dipartiment tal-IPSL.

4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nħalsu €9.32 għal kull avvizz li ħareġ fid-DOI [*2] għall-kwotazzjonijiet tal-Cleaner u tal-Public Convenience.

4.14 Is-sur Omar Schembri bagħat l-informazzjoni dwar il-klassijiet għall Creative Writing [bl-Ingliż] li jixtieq jagħmel fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva t-talba tiegħu. Lezzjonijiet se jibdew fil-tlettin ta' Jannar u l-klassijiet se jkunu fl-4pm [year 5] u fil-5pm [year 6].

4.15 Il-kunsillier Eddie Bonello saqsa s-Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard x'kienet ir-raġuni għalfejn Transport Malta bagħtu ittra bis-suġġett ta' "roadhumps". Transport Malta talab illi l-Kunsill ineħħi żewġ road humps f'triq il-Kuċċard sal-20 tax-xahar. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol kien diġa sar.

4.16 Il-Viċi Sindku saqsa dwar l-email tas-sinjorina Geraldine Grima Gilson. Hi xtaqet taf meta jistaw jibdew il-klassijiet tal-aerobics fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill kien diġa rrisponda u se jibdew il-Ħamis 26 ta' Jannar u l-klassijiet se jkunu kull nhar ta' Ħamis filgħodu.

4.17 Il-Viċi Sindku saqsa dwar l-email ta-sur Pio Farrugia [mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali] li xtaq ikun jaf dwar postijiet storiċi tat-tieni gwerra dinjija fir-raħal. Il-Kunsill se jagħti lista tax-shelters/il-monument bl-ismijiet ta' dawk li mietu fil-gwerra/ u l-marki ta' shrapnel ma rżieżet antiki bħala eżempji ta tifkiriet tal-gwerra ġor-raħal.

4.18 Il-Viċi Sindku xtaq ikun jaf id-detallji fuq l-email tas-sr Cleavan Vella. Dan kien talab site plan tax-shelters għad-devolution.

4.19 Il-kunsillier Eddie Bonello saqsa x'kien is-suġġett tal-email lill-armata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ġie raġel jilmenta illi l-watchman fejn it-triq tal-Karwija kien iħalli l-klieb jiġru u li kienu ta periklu għan-nies. Fl-email il-Kunsill kien talab illi jkun hemm xi azzjoni biex nevitaw il-periklu.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskema tal-pagamenti, barra l-kont dovut lejn il-Perit Musumeċi minħabba l-kontijiet pendenti li għandu magħna.

## 6. Applikazzjonijiet ta' 2011/ Amont tal-Bank : Informazzjoni

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta lista tal-applikazzjonijiet kollha li saru mill-Kunsill fis-sena 2011, waqt illi ta wkoll l-amont ta' flus li biħ il-Kunsill beda s-sena 2011 sal-ġurnata tas-seduta 1 ta' 2012. Ir-rapport finanzjarju uffiċjali se jkun lest fix-xahar ta' Frar.

## 7. Proġett ta' MaltaEnterprise: Radar

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab lil Major Carmel Vassallo [CEO ta' Malta Air Traffic Services] għall-informazzjoni dwar ir-radar. Sal-ġurnata tal-laqgħa l-Kunsill ma rċieva xejn minn Major Vassallo iżda kien avża illi rapport se jintbagħat fil-ġranet ta' wara l-laqgħa.

## 8. Performance Bonus/Leave tal-impjegati

8.1 Il-Kunsill aċċetta illi l-impjegati kollha jieħdu l-'full' Performance Bonus [fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment] kif ukoll il-Leave li baqa mis-sena preċedenti.

## 9. Ħwejjeġ oħra

9.1 Is-Sindku qal illi għandna nħalsu lill-impjegati tal-Kunsill għax-xogħol 'extra' għas-serata ta' Kanta Napoli u l-ikla tal-anzjani. Qal ukoll illi l-impjegati kellhom jiġu mħalsin fis-sena ta' qabel iżda l-ħlas qatt ma sar.

9.2 Is-Sindku qal illi għandna bżonn nagħmlu tabella f'ġnien t'Amparell bħala parti mix-xogħol li qed isir għat-tisbieħ tal-post.

9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talab, f'isem l-impjegati tal-Kunsill, x-xirja ta' microwave għall-użu tal-ħaddiema. Il-kunsilliera aċċettaw it-talba.

9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel rikwest għal-telephone ġdid. Dan ġie aċċettat.

9.5 Il-Viċi Sindku Publius Abdilla ppropona li nixgħelu d-dawl tal-istatwa ta' San Pawl [dan ma jkunx proposta fl-applikazzjoni tal-fondi u jkun xogħol tal-Kunsill].

9.6 Il-kunsilliera rringrazzjaw lill-kunsillier Eddie Bonello għax-xogħol tiegħu matul dawn is-snin peress illi ddeċċieda li wara din il-leġislatura mhux se jerġa jikkontesta għall-ellezjonijiet.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.3 Il-laqgħa li jmiss se tkun fit- 8 ta' Frar 2012

Sindku Segretarju Eżekuttiv